MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru. 600/2007

Il- Pulizija
(Spettur Anne Marie Micallef)

-vs-

John Abela

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Abela ta' 40 sena, iben Salvu u Nazzarena nee` Caruana, imwieled Zejtun, nhar il- 25 ta' Novembru, 1967, residenti gewwa 101, Boomerang Lodge, Triq il- Falkunier, Zejtun, detentur tal- Karta ta' l- Identita bin- numru 494567M.

Akkuzat talli fl- 14 ta' Lulju, 2007, ghal- habta tal- 1630hrs, gewwa Triq it- Torri, Sliema waqt li kien qed isuq il-vettura bin- numru tar- registrazzjoni DBY 435, b' nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti, involontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Margarathe Granitz, detentrici tal-passaport bin- numur C068266577, hekk kif certifikat minn Dr. Attard Biancardi M.D.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-fedina penali ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa akkuzat li nvolontarjament ikkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Margharethe Granitz.

Illi x-xhiedha principali tal-prosekuzzjoni f’dan il-kaz huma l-parte leza Margharethe Granitz u bintha Edith Guther.

Illi Margharethe Granitz spjegat li dak in-nhar ta’l-incident hija u bintha kienu qeghdin fuq il-karrozza tal-linja misjuqa mill-imputat fuq ir-rotta li minn Ghajn Tuffieha tiehu ghal ta’ Sliema; huma fil-fatt riedu jinzlu f’l-istage li hemm fi Triq it-Torri faccata tal-lukanda Preluna.

Illi din Margharethe Granitz spjegat ukoll li meta tal-linja waslet fuq l-istage in kwistjoni l-imputat waqqaf, nizlet passiggiera ohra li warajha kien hemm l-istess parte leza u bintha. Meta l-parte leza kienet ghada fuq l-istaffa l-imputat rega’ beda jsuq, b’dan il-moviment laqtghet genbha ma’tal-linja, waqghet u habtet rasha mal-bankina.

Illi Edith Guther, bint il-parte leza, irrakkontat li hija u ommha kienu fuq tal-linja; meta waslu fuq l-istage kien hemm passiggiera ohra li nizlet, wara din il-passigiera

kien hemm ommha u hi. Omma bdiet nizla t-tarag pero meta kienet ghada “half out and half in” b’sieq fuq tal-linja u sieq barra, l-imputat rega beda jsuq. Ix-xhud kompliet tispjega li hija ghajtet lill-imputat biex jieqaf u rat lill-ommha taqa’ u tahbat rasha mal-bankina. L-imputat waqqaf, hi nizlet biex tghin lil ommha u maghha nizel ukoll l-imputat.

Illi l-istess Guther spjegat ukoll li meta l-imputat originarjament waqqaf biex jinzlu l-passigiera kien wieqaf bi dritt l-istage pero xi zewg metri ‘l barra mill-bankina. Ghalkemm ma tiftikarx jekk kienx hemm karozzi ipparkjati fil-vicinanzi ta’l-istage, tiftakar li f’l-ispazju allokat ghall-istage ma kienx hemm karozzi pparkjati.

Illi in kontro ezami l-parte leza eskludiet li hija kienet lahqet nizlet minn tal-linja u kienet ghamlet xi passi qabel ma waqghet. Anke bintha eskludiet din il-possibilta.

Illi l-ispettur Anne Marie Micallef dak in-nhar kienet is-surgent inkarigata mill-investigazzjoni inizjali ta’ dan il-kaz u kienet hi li hadet l-versjonijiet tal-partijiet koncernati a tempo vergine. Dawn jirrizultaw kemm mid-depozizzjoni taghha kif ukoll mir-rapport minnha redatt Dok RV3 esebiet a fol 10 tal-process. Il-depozizzjoni ta’ Guther u Granitz taqbel mar-rakkont tal-fatti mghoti minnhom a tempo vergine lill-pulizija.

Illi dak in-nhar ta’l-incident meta l-ispettur Micallef marret fuq il-post ma sabitx xhiedha okkulari ohra hlif lill-bint il-parte leza. Fil-fatt mir-rapport (Dok RV3) ma jirrizultawx elenkati xhiedha ohra.

Illi bhala rizultat ta’ dan l-incident u d-daqqa li hadet kemm ma’ tal-linja u mal-bankina Margharathe Granitz soffriet diversi griehi li d-dettalji taghhom jidhru fic-certifikat esebiet (dok RV6 a fol 17) u gew konfermati mit-tabib Dr Attard Biancardi fid-depozizzjoni tieghu. Dawn ig-griehi huma gravi per durata.

Illi ghall-prosekuzzjoni xehdet ukoll l-ispettur Romina Veneziani li dak in-nhar kienet l-ispettur inkarigat minn dan il-kaz u kienet hadet l-istqarrija ta'l-imputat.

Illi l-imputat ghazel li jixhed. Fir-rakkont tal-fatti tieghu quddiem din il-Qorti jispjega li l-imputat kien fuq ir-rotta li minn Ghajn Tuffieha tiehu ghal ta' Sliema; meta wasal t'Triq it-Torri (kellu xi hamsa u ghoxrin passiggier) xi hadd cempel biex jieqaf fuq l-istage li hemm quddiem il-lukanda Preluna. Huwa waqqaf xi ghaxar piedi 'l barra mill-bankina ghaliex kien hemm xi karozzi pparkjati fuq l-istage. Meta waqqaf nizlu xi tlieta jew erba passiggiera, mbaghad l-parte leza, bintha u warajhom xi grupp ta' hamsa u ghoxrin student. Meta nizlu dawn in-nies kollha huwa kien ser jibda jsuq meta ra lill-parte leza "tinstabat mal-bankina". Ra ukoll li bintha ma setghetx terfaha ghalhekk niezel jghinhom. Huwa esebixxa zewg ritratti (Dok JA1 u JA2) li ha hu stess biex juri l-istage in kwistjoni u l-karozzi li kienu wieqfin fuq l-istage.

Illi dwar id-depozizzjoni ta'l-imputat l-Qorti thoss li ghandhom jigu rilevati xi fatti li jimpingu fuq il-kredibilita ta'l-imputat u li jghatu xejra inverosimili ghar-rakkont tieghu dwar id-dinamika ta'l-incident inniffsu.

Illi f'l-ewwel lok u haga li immedjatament tispikka minn ezami tad-depozizzjoni ta'l-imputat huwa l-konfuzjoni dwar in-numru ta' persuni li kien hemm fuq tal-linja. F'l-ewwel mument l-imputat qal li meta kien sejjer lejn triq it-Torri kellu xi hamsa u ghoxrin passiggier. Meta elenka l-passiggiera li nizlu meta waqaf quddiem l-lukanda Preluna qal li nizlu l-parte leza u bintha, xi tlieta jew erba passigiera ohra qabilhom u warajhom grupp ta' xi hamsa u ghoxrin student. Meta nizlu dawn in-nies kollha kien ghad baqa' passigiera ohra f'tal-linja ghalkemm fuq mistoqsija tal-Qorti ma kienx kapaci jghid kemm kien ghad baqa'. Zgur li f'xi parti jew l-ohra l-imputat huwa skorrett; jew kien skorrett meta qal li originajament kien hemm xi hamsa u ghoxrin ruh, jew kien skorrett meta qal kemm kienu nizlu nies minn tal-linja qabel ma rega beda jsuq.

Illi l-imputat esebixxa zewg ritratti li qal li ha hu stess. Meta l-ewwel ghamel referenza ghar-ritratti huwa qal li hadhom xi siegha wara l-incident. Dawn ir-ritratti fi kliem l-imputat juru “l-karozzi li jiena jghidt li kienu qeghdin ipparkjati fuq l-istage” L-imputat kien car u kien qed jirreferi ghall-karrozzi li skond hu fil-hin ta’ l-incident kienu qeghdin ipparkjati fuq l-istage. In kontroezami u konfrontat b’verzjoni ohra ta’ fatti mill-ispettur Micallef, li accediet fuq il-post meta sehh l-incident, l-imputat wasal biex ammetta li r-ritratti ttiehdu aktar minn siegha wara l-incident u li l-karozza li tidher fih nhiex necessarjament kienet dik li hu jallega li kien hemm fil-hin ta’ l-incident.

Illi dwar id-dinamika ta’l-incident meta l-iputat kien qed ikellem lill-ispettur Micallef a tempo vergine qal li waqaf, nizlu l-passiggiera li kellhom jinzlu, beda jsuq bil-mod, meta f’salt sema lill-passiggiera li kien hemm fuq it-trukk jghajjtu biex jieqfu. Waqqaf fil-pront u x’hin hares ra mara anzjana hdejn it-trukk bid-demm hiereg minn wiccha.

Illi meta jumejn wara l-imputat irrilaxxja sqarrija lill-ispettur Veneziani huwa qal li waqaf fuq l-istage tal-Preluna nizelt il-parte leza u bintha, warajhom grupp ta’ zaghzagh (f’l-istqarrija qal li kienu ghoxrin u mhux hamsa u ghoxrin kif qal waqt id-depozizzjoni), kif ta l-gear biex jaqla u jidba jsuq (hawn l-imputat qed jimplika li kien ghadu ma bediex isuq kontrarjament ghal dak li qal lill-ispettur Micallef) ra lill-mara taqa’ ma’l-art; hu sema’ xi ghajjat ukoll. Hawn ukoll ma qabilx ma dak li qal lill-ispettur Micallef ghaliex a tempo vergine qal li nduna b’li gara b’l-ghajjat tan-nies.

Illi ta’ rilevanza ukoll huwa li waqt li kien qed ikellem lill-ispettur Micallef u jumejn wara meta kellem lill-Ispettur Veneziani l-imputat qal li huwa ra lill-parte leza taht il-bankina. Fiz-zewg istanzi qal li ra lill-mara **hdejn** it-trukk jew il-bankina u wara ghenha **titla** l-bankina. Meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti l-imputat ghall-ewwel darba semma’ l-konka tas-sigra li qeghda ‘l hemm mill-bus shelter **fuq** il-bankina. Waqt id-depozizzjoni l-imputat allega li l-parte leza habtet genbha mal-bankina u wicca mal-konka imsemmija. Huwa anke immarka l-postijiet

approssimattivi fuq wiehed mir-ritratti li huwa esebixxa u cioe dak markata Dok JA2.

Illi l-imputat ressaq bhala xhud lil Joseph Debono.

Illi dan ix-xhud ukoll xejn m’hu kredibli u, fil-waqt li “jiftakar” xi fatti biss, hemm diskrepanzi anke f’dak il-ftit li jiftakar partikolarment ghal dak li ghandu x’jaqsam mad-distanza ta’fejn waqfet tal-linja fil-konfront tal-bankina.

Illi minkejja l-kunflitt fil-versjonijiet mghotija mix-xhiedha tal-prosekuzzjoni minn-naha u l-versjoni mghotija mill-imputat u Joseph Debono minn-naha l-ohra l-Qorti m’ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghati kredibbilita lill-verzjoni mghotija mill-parte leza u bintha u dan mhux biss minhabba d-diskrepanzi li hemm fil-verzjonijiet mghotija in difeza imma anke wara li kellha l-oportunita tara l-komportament tal-persuni koncernati waqt id-depozizzjoni taghhom.

Illi d-difieza ssottomettiet ukoll li l-fatt li l-imputat baqa fil-post ta’ l-incident u ta ghajnuna lill-parte leza u baqa jistenna lill-pulizija jigu fuq il-post u ikkollabora maghhom hija ndikazzjoni ta’ l-innocenza tieghu u li ma kellux minn xiex jibzgha. Fir-realta l-imputat kellu obbligu legali li jibqa fuq l-post ta’ l-incident; il-fatt li persuna nvoluta f’incident ma tallontanax ruhha mill-post ta’ l-incident ma jistax jittiehed bhala indikazzjoni ta’ innocenza jew htija, dan il-fatt lanqas ma jista jitqies bhala prova o meno tal-kredibilita ta’l-imputat.

Illi d-difieza ssottomettiet ukoll l-parte leza rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli (ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni kriminali) u dan huwa ndikazzjoni ohra ta’l-innocenza ta’l-imputat u li l-incident ma sehhx tort tieghu. Fil-waqt li huwa minnu li l-parte leza rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli hija qalet ukoll li ghazlet li tigi u tixhed biex ma jergax jirrepeti ruhu incident bhala dan u biex l-imputat jinghata *warning*.

Illi minkejja x-xewqat u l-intenzjonijiet tal-parte leza l-proceduri odjerni huwa prosegwibbli mill-Pulizija ex officio

u ma jiddependux mill-kwerela tal-parte leza. In oltre r-rinunzja tal-parte leza ghall-azzjoni kriminali (partikolarment f'kaz fejn l-azzjoni hija prosegwibbli ex officio) ma tistax minnha nnfisha tittiehed bhala indikazzjoni ta' l-innocenza o meno ta'l-imputat.

Illi wara ezami ta'l-atti processwali u ghar-ragunijiet hawn fuq esposti l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacjentment pruvati. L-imputat qatt ma messu beda jsuq qabel ma kien cert li kienu nizlu l-passiggiera kollha li kellhom jinzlu u li dawn kienu allontanaw ruhhom mill-vettura.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz u n-natura tar-reat in kwistjoni kif ukoll l-griehi li soffriet l-parte leza kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Illi dwar it-talba verbali tal-prosekuzzjoni (maghmula waqt it-trattazzjoni) ghall-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan fil-konfront ta'l-imputat u l-oppozizzjoni tad-difieza, l-Qorti f'l-ewwel lok tirrileva li l-skwalifika tista tigi ordnata mill-Qorti ex officio u minghjar talba tal-prosekuzzjoni.

Illi in oltre tirrileva li huwa principju ormai ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-fatt li l-impieg ta' persuna jiddependi fuq licenza ghas-sewqan mhux skuza accettabli. Fil-fatt l-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li *minn x-xoghol tieghu jiddependi mis-sewqan ta' vetturi jrid joqghod aktar attent u vigilanti … Dan ghaliex inkella propju dawk in-nies li jkunu jsuqu aktar minn haddiehor, minflok ma joqghodu aktar attenti jkollhom xi speci ta' immunita mill-ligijiet tal-pajjiz … semplicement biex ma jitilfux l-impieg jew ix-xoghol taghhom jinghataw immunita jew trattament aktar legger meta jinstabu hatja ta' ksur tal-ligijiet ... dan huwa kontrosens* (Ref Pulizija vs Daniel Cutajar deciza 09.08.2007).

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal multa ta' erbgha mitt Euro (Euro400). In oltre b'aplikazzjoni ta'l-artikolu 30 ta'l-istess Kap 9 qed

tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ ghaxart ijiem (10).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------